

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/705**tad-19 ta' April 2017****li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(b) u (e) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-oġġetti, (minn hawn 'il quddiem in-"Nomenklatura Magħquda" jew "NM"), li hija stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (2) It-test attwali tal-kodiċi NM 1905 90 60 jirreferi għal sustanza ta' ħlewwa miżjuda li tqajjem dubji dwar il-kopertura ta' dak il-kodiċi NM u mhijiex eżatta biżżejjed biex tippermetti l-klassifikazzjoni abbażi ta' analiżi fil-laboratorju. Il-kliem "ħlewwa miżjuda" għandu jitħassar billi mhux possibbli li jinstab jekk il-kontenut taz-zokkor huwiex naturali, u għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 1905 90 90, jew jekk ġie miżjud zokkor il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 1905 90 60. Il-kliem "sustanza ta' ħlewwa" huwa vag wisq peress li jkopri s-sustanzi kollha naturali u artifiċjali li għandhom togħma ħelwa mingħajr ma jindika l-ebda limitu għall-kontenut ta' sustanza ta' ħlewwa fil-prodott. Dan jista' jirriżulta f'applikazzjoni ta' limiti minimi differenti jew f'nuqqas ta' oġġettività fil-prova tal-preżenza tas-sustanza ta' ħlewwa fil-prodott.
- (3) Biex jiġu evalwati l-ammonti tad-dazji doganali miġbura mal-importazzjoni ta' prodotti li fihom anqas minn 5 % bil-piż ta' sukrożju, zokkor invertit jew isoglukożju taħt kull wieħed minn dawn il-kodiċijiet NM, saret analiżi statistika fir-rigward tal-kodiċijiet NM 1905 90 60 u 1905 90 90 attwali. L-analiżi statistika wriet li f'għadd sinifikanti ta' importazzjonijiet, il-prodotti kklassifikati taħt il-kodiċi NM 1905 90 60 kellhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 1905 90 90 jew viċi versa, fir-rigward tal-kriterju ta' "sustanza ta' ħlewwa". Għalhekk, it-test tal-kodiċi NM 1905 90 60, jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jintroduċi kriterju ċar għad-distinzjoni bejn iż-żewġ gruppi ta' prodotti. Il-perċentwali, skont il-piż, ta' sukrożju, zokkor invertit jew isoglukożju jipprovdi kriterju aktar oġġettiv u għalhekk jista' jiġi applikat aktar faċilment għall-finijiet ta' analiżi fil-laboratorju.
- (4) Billi n-NM hija wkoll nomenklatura statistika, jeħtieġ li s-seba' u t-tmien ċifra tal-kodiċijiet NM ikkonċernati jinbidlu fl-istess ħin tal-bidla tal-kopertura ta' daww il-kodiċijiet NM sabiex jista' jsir immaniġġjar xieraq tad-dejta statistika wara l-bidla.
- (5) B'kont meħud tal-fatt li, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jiġi mibdul b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, daww il-kodiċijiet NM il-ġodda għandhom japplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2018.
- (6) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (7) I-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kapitolu 19 tal-Parti Tnejn tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hija emendata kif ġej:

- (a) ir-ringieli għall-kodiċijiet NM 1905 90 60 u 1905 90 90 jitħassru;

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.

(b) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

“1905 90 70	Li fihom 5 % jew aktar, bil-piż ta’ sukrożju, zokkor invertit jew isoglukożju	9 + EA MAX 24,2 + AD S/Z ⁽¹⁾	—
1905 90 80	Oħrajn	9 + EA MAX 20,7 + AD F/M ⁽¹⁾	—

⁽¹⁾ Ara l-Anness 1.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ April 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNKER